MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 7/2004

Mary sive Miriam mart Carmel Azzopardi

Vs

Carmel Azzopardi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-28 ta' Settembru 2004 li permezz taghha l-attrici ppremettiet li zzewget lill-konvenut fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981).

Miz-zwieg taghhom ghandhom zewg ulied u cioe' Franco li twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u Maronia li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989).

Il-hajja konjugali ta’ l-attrici ma’ zewgha l-konvenut giet saret impossibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba eccessi, mohqrija u vjolenzi da parti tal-konvenut.

Ghalhekk hemm lok ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

L-attrici u zewgha l-konvenut gew awtorizzati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jipprocedu ghas-seperazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti fl-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija elfejn u erbgha (2004).

L-attrici tixtieq illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom tigi likwidata u li jigu restitwiti lilha l-beni tal-parafermali taghha.

Talbu lil din il-Qorti;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

2. Tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja ta’ bintha minuri Maronia.

3. Tiffissa r-retta alimentari pagabbli illi ghandha tigi prestata mill-konvenut lil bintha minuri Maronia u wkoll tiffissa r-retta alimentari li ghandha tigi prestata mill-konvenut lill-attrici.

4. Tikkundana lill-konvenut ihallas tali retta alimentari kif iffissata minn din il-Qorti.

5. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jigu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-attrici.

7. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata minn Carmel Azzopardi fit-2 ta' Novembru 2004 (fol. 6):

1. Illi huwa jopponu bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet li huwa bi kwalunkwe mod reponsabblli ghat-tkisser taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti. Dan ghaliex z-zwieg tkisser minhabba l-abbuzi serji u gravi ta' l-attrici fil-konfront tieghu, kif sejjer jigu pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' dina l-kawza.
2. Illi martu, Carmel Azzopardi hija hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu kif ukoll hija hatja ta' eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji ohra gravi, kif sejjer jigu pruvat dettaljatament ukoll waqt is-smiegh tal-istess kawza.
3. Ghalkemm, il-konvenut jaqbel li hemm lok ghas-seperazzjoni personali *"a mensa et thoro"*, l-istess ghandha tigi ippronunzjata tort u htija tal-istess attrici u mhux

Il-konvenut ghamel ukoll talba rikonvenzjonali (fol. 8) fejn wara li ppremetta li l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadix iktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija, u gliet min-naha ta' l-attrici talab lill-qorti sabiex:-
1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija.
2. Tiddikjarali l-attrici ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili.
3. Tordna li l-kura u kustodja ta' Maroni Azzopardi tinghata lill-konvenut u tiffissa access ghall-attrici.
4. Tawtorizza lill-konvenut sabiex jibqa' joqghod fid-dar matrimonjali.
5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti diga' ezistenti bejn il-kontendenti.
6. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u taqsamha skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fid-29 ta' Novembru 2004 mill-attrici (fol. 12) li permezz taghha eccepiet li:-

1. Tikkontesta li hemm lok ghall-firda personali minhabba ragunijiet attribwibbli ghaliha.
2. It-tieni talba hi wkoll kontestata ghaliex kien il-konvenut li naqas fid-dmirijiet tiegh.
3. It-tielet talba hi wkoll kontestata ghaliex hu fl-ahjar interess ta' Mariona Azzopardi li l-attrici tinghata l-kura u kustodja.
4. Ir-raba' talba hi wkoll kontestata ghaliex hu fl-ahjar interess ta' l-ulied li jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali ma' l-attrici.
5. Il-hames u s-sitt talba m'humiex qeghdin jigu kontestati.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut fid-9 ta' Settembru 2008. L-attrici ma pprezentatx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Fil-qosor il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:

a. Il-kontendenti zzewwgu fid-19 ta' Mejju 1981;

b. Minn dan iz-zwieg twieldu Franco (26/11/1983) u Maronia (21/8/1989). Ghalhekk it-tfal huma kollha maggorenni;

c. B'digriet moghti fit-12 ta' Mejju 2004, il-qorti laqghet it-talba ta' l-attrici sabiex tibda proceduri gudizzjarji ghall-firda personali. Il-qorti tat ukoll lill-attrici d-dritt li, flimkien ma' wliedha, tibqa' tghix fid-dar matrimonjali bl-eskluzjoni tal-konvenut;

d. L-attrici ghadha tghix, flimkien ma' wliedha, fid-dar matrimonjali[1];

e. L-attrici ssostni li hemm lok ghal firda ghaliex il-konvenut hu hati ta' eccessi, mohqrija u vjolenza. Min-naha tieghu l-konvenut jallega li hemm lok ghal firda

[1] Fol. 376.

minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija u glied min-naha ta' l-attrici;

2. Il-qorti hi konvinta li l-problemi f'dan iz-zwieg kienu minhabba l-vizzju tax-xorb tal-konvenut. Il-konvenut isostni li din il-problema bdiet meta martu qabdet relazzjoni ma' certu Coronato Muscat; *"Kien f'dan iz-zmien li bdejt nixrob ghaliex kien ikolli hafna dwejjaq u inkwiet dwar dak li kienet qieghda taghmilli marti u l-imgieba hazina li kienet tittrattani."* (fol. 205). Il-qorti ma temminx din id-dikjarazzjoni. Ix-xhieda li nghatat minn ulied il-kontendenti taghti stampa ta' hajja xejn sabiha fid-dar matrimonjali u anzi tikkorabora l-verzjoni tal-fatti li tat l-attrici. Hekk per ezempju:-

**Maronia Azzopardi** (fol. 22) spjegat kif missierha –

- **Dejjem tafu bil-problema tax-xorb**;
- Kien jitlef il-kontroll minhabba x-xorb u kienu jehlu mieghu l-membri tal-familija tieghu;
- Kien is-sors ta' hafna mill-argumenti li kienu jinqalghu d-dar, u kien jara ma min ser jaqbad;
- Kien jaqbad argument fuq ix-xejn;
- Ma kienx juri nteress u jippartecipa fil-hajja familjari. Il-konvenut kien jisker ukoll meta johorgu bhala familja.

Tista' tghid li t-tifel tal-kontendenti kkonferma dak li qalet ohtu (fol. 55) u spjega wkoll kif kien hemm okkazzjonijiet meta ra lill-missieru jerfa' jdejh fuq ommu u kien hemm okkazzjonijiet meta bil-lejl ma kienx ihallihom jorqdu *"…ghax kien jibda jghajjat u jixghel id-dawl. Ommi kienet taqbad lili u lill-ohti, li dak iz-zmien kienet ghadha tarbija, u tohrog bina f'nofs ta' lejl u tehodna norqdu ghand in-nanna li kienet toqghod qrib. Dan kien anke jigri fix-xitwa….. Incident li baqa' immarkat f'mohhi kien meta f'okkazjoni minn dawn meta ommi kienet qed tipprova tohrogna mid-dar biex immorru norqdu bil-kwiet ghand in-nanna, missier kien rass lill-ommi mal-bieb ta' barra u kien qarsilha widnejha fil-bieb. Niftakar li kien hargilha d-demm*

*u ommi kellha tmur tiddewwa l-Isptar.”*. Certament li r-rakkont li taw ulied il-kontendenti jaghti xenarju ta’ dwejjaq, argumenti, u tensjoni f’din il-familja. Jirrizulta li kien hemm ukoll incident meta l-konvenut hedded lill-attrici b’sikkina. Fl-okkorrenza tal-pulizija b’riferenza ghal dan l-incident li sehh fit-30 ta’ Ottubru 2003, jinghad li l-konvenut kien ammetta mal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz li kien hedded lil martu li joqtolha; *“he admitted that he placed the knife again in their bedroom and told his wife that he was not going to remove them until she decides that she was not going to work.”* (fol. 32). Jidher ukoll li kien hemm incident iehor, fil-bidu ta’ Mejju 2004, meta l-konvenut rega’ hedded lill-attrici b’sikkina. Dan wassal biex l-attrici telqet mid-dar matrimonjali u marret ghand ommha sakemm giet ezegwita l-ordni tal-qorti li biha l-konvenut gie ordnat johrog mid-dar matrimonjali.

Ix-xiehda li nghatat minn Fr. Michael Xuereb ma tghinx it-tezi tal-konvenut, in kwantu jidher li fittex l-ghajnuna wara li l-qorti tat digriet li bih ordnatlu jitlaq mid-dar matrimonjali. Ix-xhud qal[2] li l-konvenut *“…ried verament li jinghaqad mill-gdid.”*. Ghalkemm l-attrici f’dak l-istadju ma reditx tirrikoncilja, b’daqshekk ma jfissirx li ghandha xi htija ghal firda personali. M’hemmx dubju li l-problema tax-xorb kienet u ghadha tezisti u minkejja t-trapass tas-snin hu evidenti li l-konvenut ma rnexxielux jeghleb il-vizzju. Fil-fatt anke meta kien jattendi ghas-seduti fil-qorti, kien ikun jidher li qieghed taht l-influwenza tax-xorb[3]. Il-fatt li attenda ghal kors ta’ rijabilitazzjoni ta’ xi xahar jew xahrejn ma jfissirx li fieq, u dan hu konfermat mill-fatti. Ghalkemm wiehed jista’ japprezza li l-konvenut kellu bzonn ta’ ghajnuna biex jipprova jeghleb dan il-vizzju ikrah, min-naha l-ohra ma jfissirx li martu kellha tibqa’ taht il-hakma tieghu tghix bit-tama li xi darba l-affarijiet ser jinbidlu u li kellha temmen li din id-darba l-konvenut kien verament determinat li jzomm kelmtu. Id-decizjoni li hadet l-attrici kienet ghal gid taghha u ta’ wliedha u kellha kull dritt li taghmel dan il-pass. Sfortunatament ghall-konvenut, fittex l-ghajnuna wara li s-sitwazzjoni kienet harbet ghal kollox

[2] Seduta tal-15 ta’ Lulju 2005 (fol. 67).
[3] Ara wkoll verbal li sar mill-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tat-3 ta’ April 2007 (fol. 228) u l-provvediemnt li nghata fl-4 ta’ April 2007 mill-qorti.

minn taht idejh u kien intrikeb mill-vizzju tax-xorb. Ghalkemm il-qorti ghandha d-dubju wkoll kemm l-attur kellu l-intenzjoni li jibdel ir-rotta meta talab l-ghajnuna ta' Fr. Michael Xuereb. Sahansitra fl-okkorrenza tal-pulizija li saret wara rapport tal-konvenut fl-24 ta' Mejju 2004, gie registrat: *"On the 24th May 2004 Carmel Azzopardi called at Victoria Police Station and reported that his wife Miriam left the matrimonial house about 15 days ago leaving him alone consequently he is suffering from hunger. He also requested the police to* ***warn her not to call again to the house****."* (enfazi tal-qorti - fol. 277-278). Ghalkemm jista' jkun minnu li l-proceduri ta' separazzjoni ma ghenux lill-konvenut, min-naha l-ohra l-qorti m'hijiex konvinta li hu ghamel hiltu sabiex jaqbad it-triq it-tajba u li verament ried jirrikoncilja ma' martu. Hu facli ghall-konvenut li jipponta subghajh lejn martu u jghid li *"…..minflok ma tatni kura ghax-xorb dejjem riedet titfani l-mental."* (206) u li jsostni li l-attrici *"….kissritu moralment u psikologikament."*[4] ghaliex m'ghenitx sabiex isir tentattiv ghal rikonciljazzjoni. Facli wkoll ghax-xhud Rev. Xuereb li jghid li hu stenna iktar koperazzjoni min-naha tal-mara. Pero' dan ix-xhud ma kienx qieghed ighix taht l-istess saqaf mal-konvenut, u mid-deposizzjoni tieghu jidher li ghal raguni jew ohra kien involut fil-kaz ghall-perjodu qasir. Il-qorti hi konvinta li kien l-atteggjament tal-konvenut matul is-snin li wassal lil martu sax-xifer. Il-qorti zgur li m'hijiex ser ticcensura lill-attrici ghal fatt li kellha l-kuragg li tghid "le" u tfittex l-interessi taghha u ta' wliedha. M'hemmx dubju li l-attrici kienet tilfet kull tama li xi darba zewgha ser jibdel l-istil ta' hajja. Matul dawn is-snin kollha li ilhom pendenti dawn il-proceduri, il-konvenut kellu l-opportunita' kollha sabiex jigi fuq saqajh u jaqbad it-triq it-tajba. Hu evidenti li l-konvenut m'ghandux ir-rieda biex ifieq minn din il-marda li kisret lilu u l-familja tieghu. Filwaqt li l-konvenut qal li hu ried jirrikoncilja ma' martu, l-incidenti li graw (saru diversi rapporti lill-pulizija – fol. 30-53) huma prova ohra kif l-attur ma kienx qieghed ighin ruhu. Minflok irrejalizza x'kien qieghed jitlef u agixxa b'mod biex jipprova jigbed lill-martu lejh, l-atteggjament tieghu kompla ghen biex ma tibdilx il-fehma taghha. Il-

[4] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut.

qorti wisq tibza' li s-sitwazzjoni tal-konvenut kompliet tmur ghall-aghar u l-marda qeghda tikkontrollalu hajtu.

Il-konvenut isostni li dak kollu li gara kien minhabba adulterju li kkommettiet martu. Il-qorti ma taqbilx. F'dan il-kuntest:-

- **Fr. Michael Xuereb** qatt ma semma s-suggett ta' adulterju, fis-sens li l-konvenut kien ilmenta mieghu li martu kellha relazzjoni barra miz-zwieg;

- **Benny Mercieca**[5] ukoll qatt ma semma adulterju. Spjega li jaghmel xoghol ta' medjatur ma' koppji li jkollhom problemi matrimonjali. Ikkonferma kif kien il-konvenut li kkomunika mieghu u qallu: *"Ben ghandi l-inkwiet mas-sinjura tieghi, u nixtieq illi ccemplilha, u tghidilha li jiena ghandi decizjoni, intenzjoni serja illi nibdel ir-rotta, diga' bdejt", qalli "ipprova kkonvinciha illi tahsibha mill-gdid."*. It-twegiba min-naha ta' l-attrici kienet li *"….wara li hsibt hafna, rajt illi ma jistax ikun naghti iktar cans lis-sur Azzopardi, il ghaliex dejjem kien jghidli, imbaghad jaghmel mod iehor, u anke semmiet illi diskutiet il-kaz mat-tfal taghha, u qaltli biex ma ngibx inkwiet iktar inhoss li fic-cirkostanzi jkun ahjar illi l-affarijiet jibqghu kif inhuma."*;

- Il-verzjoni ta' l-attur mhi korraborata minn l-ebda xhud. Ghalkemm hu minnu li l-konvenut b'insistenza talab li jigu prezentati *recordings* ta' telefonati li rcieva u li ghamel Coronato Muscat[6] minn gewwa l-Facilita' Korrettiva[7], il fatt li t-talba tieghu giet michuda ma jfissirx li ma kellux rimedji ohra. Hekk per ezempju ma saru l-ebda domandi lill-attrici dwar dan l-allegat adulterju u lanqas tressaq bhala xhud Coronato Muscat. Il-fatt li fix-xiehda taghha l-konvenuta ma qalet xejn dwar dak li allega zewgha, ma jfissirx li l-qorti ghandha taccetta l-verzjoni li ta l-konvenut. Wiehed ma jridx jinsa li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li pprezentat il-konvenuta ghat-talba rikonvenzjonali, ikkontestat li kellha xi htija ghall-firda.

---

[5] Seduta tal-15 ta' Lulju 2005 (fol. 74).
[6] Il-persuna mplikata mill-konvenuta fir-rigward tal-adulterju.
[7] Ara digrieti tat-18/7/2007 (fol. 286) u tas-17/8/2007 (fol. 301).

Waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju 2007 (fol. 283)[8] innegat li ghandha relazzjoni ma' Coronato Muscat. Il-konvenut xehed ukoll li Phyllis Debono, li kienet ghamlet zmien tohrog ma' ibnu, kienet qaltlu li martu qeghda tikkommetti adulterju (fol. 204). Pero' l-istess Phyllis Debono qalet: *"Qeghda nigi mistoqsija mill-qorti jekk jiena bhala stat ta' fatt, fil-perjodu li kont nohrog ma' Franco, nafx illi l-mara ta' Carmel Azzopardi, jigifieri l-attrici, kellhiex xi relazzjoni ma' terza persuna. Jiena dwar dan ma nafx xejn."* (seduta tal-4 ta' Lulju 2007 – fol. 279). Qalet ukoll: *"Jiena nghid li lil Carmel Azzopardi, il-konvenut, qatt ma tkellemt mieghu dwar xi relazzjoni li seta' kellha l-mara tieghu ma' terza persuna."*. F'dan ir-rigward dak li qal hu l-konvenut, Ganni Azzopardi[9], mhu l-ebda prova ghaliex irrakkonta dak li qallu haddiehor. Madankollu min-naha l-ohra l-qorti ma tistax tonqos milli tosserva l-oggezzjoni li ghamlet l-attrici sabiex ma jinstemghux dawn ir-*recordings*[10]. Oggezzjoni li tqajjem suspett qawwi li l-konvenuta ghandha verament x'tahbi. Inoltre, skond id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur ta' l-attrici jidher li verament ghandha kuntatt ma' Coronato Muscat u min-naha taghha ma ghamlet l-ebda tentattiv li taghti xi gustifikazzjoni ghalfejn kien qieghed ikollha dan il-kuntatt. Madankollu u f'kull kaz il-qorti xorta hi moralment konvinta li r-raguni ghal firda personali hi attribwibbli ghall-atteggjament ferm negattiv tal-konvenut, u mhux ghal hbiberija li jidher li l-attrici ghandha.

- Il-qorti ma tarahiex kredibbli li wara dawk is-snin kollha li martu kienet ilha tikkommetti adulterju u li *"qatt ma ttrattatni sewwwa"*[11], skond il-verzjoni li rrakkonta l-konvenut, kien ser jinsisti li jirrikoncilja maghha u jghid li kien ser jiehu hsieb li jfittex il-kura biex ifieq mill-vizzju tax-xorb qiesu xejn mhu xejn. Ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut isostni li

---

[8] *"L-attrici tikkontesta li hija ghandha xi relazzjoni adultera ma' l-imsemmi Coronato Muscat."*.

[9] Seduta tal-1 ta' Novembru 2005 (fol. 78).

[10] Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2007 id-difensur vverbalizza: *"L-attrici toggezzjona li jigu esebiti dawn c-cd's peress illi: 1.* ***l-attrici qatt ma kienet taf li qed jigu rekordjati dawn il-konversazzjonijiet li kellha ma' Coronato Muscat****; 2. u dawn il-konversazzjonijiet qed isiru ma' persuna li mhix f'din il-kawza, lib l-ebda mod ma ta l-kunsens tieghu biex dawn jigu esebiti; u 3. illi daw id-dokumenti qatt ma kellhom jigu esebiti in kwantu dan hu kontra r-regolamenti tal-habs."*.

[11] Fol. 206.

*"….s-sokor tieghu ma kienx il-kawza tat-tifrik taz-zwieg imma ghall-kuntrarju kien l-effett tax-xokk li ha l-konvenut meta sar jaf li martu kellha wicc haddiehor."*. Jekk din verament kienet ir-realta', kif ma semma xejn lil Fr. Michael Xuereb u lil Benny Mercieca ? Dan in kwantu hadd minn dawn ix-xhieda ma semmew li l-konvenut kien ilmenta li kien hemm nuqqas ta' fedelta' min-naha ta' martu u li din kienet ir-raguni ghalfejn kien jixrob.

Ghalkemm l-attrici qeghda ssostni li hemm iktar minn raguni wahda ghall-firda personali minn ma' zewgha, hu maghruf li raguni wahda hi bizzejjed sabiex tigi milqugha talba simili. Il-qorti hi tal-fehma li kien l-atteggjament tal-konvenut li rrenda l-hajja matrimonjali mpossibbli. L-attitudni tieghu fil-konfront ta' l-attrici, b'effett ukoll tal-vizzju tax-xorb, jikkwalifika bhala eccessi u mohqrija.

3. Fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti, mill-provi rrizulta li l-assi huma:

(a) **Il-kirja tad-dar matrimonjali** (Flat 3, Blokk HB, tac-Cawla Housing Estate, Victoria, Ghawdex) minghand il-Gvern versu kera ta' sittin lira Maltija (Lm60) fis-sena[12]. Il-kirja saret fit-2 ta' Lulju 1984 (ara wkoll xiehda ta' George Zammit, seduta tat-30 ta' April 2008[13]). Jirrizulta li l-Awtorita' tad-Djar harget skema sabiex wiehed ikun jista' jixtri daru ***"Sir Sid darek"***. Skond ir-regolamenti ta' din l-iskema, l-Awtorita' tistabilixxi l-valur tal-fond fuq is-suq billi tibghat perit sabiex jispezzjona l-fond. Il-prezz jigi ffissat billi minn dan il-valur jitnaqqas persentagg skond id-dhul li jkollu l-applikant. Il-persentaggi huma stabbiliti fi skeda li tkopri *brackets* differenti ta' rati ta' dhul (fol. 382).

(b) **Mobbli** li jinsabu fid-dar matrimonjali (fol. 322-323) li gew stmati f'valur ta' tlettax il elf erbgha mija u wiehed u sittin euro u hamsa u erbghin centezmu (€13, 461.45)[14]. Waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju 2007 il-partijiet ddikjaraw li l-oggetti li jissemmew fil-mandat ta' deskrizzjoni numru

---

[12] Fol. 378-379.
[13] Fol. 372.
[14] Fol. 322-323.

21/2006 (fol. 209-216) *"….jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u kien hemm il-vettura Hyundai Pony….."* (fol. 284).

Kien hemm ukoll depoziti bankarji **mal-Bank of Valletta plc** –

- ***Term Deposit* 12414677075 f'isem Mary Azzopardi** – ghalaq fit-23 ta' Dicembru 2003 meta kien hemm is-somma ta' **Lm3,000**.
- ***Savings Account* 40011481555 f'isem Carmel u Mary konjugi Azzopardi** (fol. 155-165).
- ***Savings Account* 40013074795 f'isem Mary Azzopardi** (fol. 166-168). F'Jannar 2004 gie irtirata s-somma ta' **Lm3,000.**
- ***Term Deposit* 1241467706-2 f'isem Mary Azzopardi** (fol. 170-182). Fi Far 2004 giet irtirata s-somma ta' **Lm2,000**.

Fir-rigward ta' dawn il-flus l-attrici ssostni li zewgha kien inghata sehemu, ghalkemm fis-seduta tat-30 ta' April 2008 (fol. 375) qalet li meta *"….. gibt is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) f'Dicembru elfejn u tlieta (2003), dik is-somma zammejtha ghandi. Dawn il-flus kienu qeghdin f'kexxun. Kieku ried ir-ragel seta' ha minnhom pero' hu ma hax flus"* (fol. 375).

Irrizulta li hemm ukoll dawn il-kontijiet li ghalkemm f'isem l-attrici pero' ghan-nom ta' wliedha:-

- ***Savings Account* 1241467702 f'isem Mary Azzopardi ghan-nom ta' Maronia Azzopardi** (fol. 128-141)**.**
- ***Savings Account* 1241467701-7 f'isem Mary Azzopardi ghan-nom ta' Franco Azzopardi** (fol. 142-154).

Kien hemm Hyundai Pony li skond l-attrici kienet inxtrat ghas-somma ta' Lm2,500 (fol. 200) pero' jidher li llum il-gurnata m'ghadix tezisti. Min-naha tieghu l-konvenut qal: *"….l-vettura Hyundai li konna xtrajna fl-elf disa' mija u disgha u disghin (1999), liema vettura kont nuzha l-aktar*

*biex immure ghax-xoghol biha kont xtrajtha biss hames mittlira (Lm500). Infatti kienu mimlija sadid u kont beghhejtha mitt lira (Lm100) madwar sena u nofs ilu sabiex nikri flat fejn noqghod.”* (fol. 205). Fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2007 iddikjara li din il-vettura kien bieghha ghall-prezz ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) (fol. 284).

Fir-rigward tal-komunjoni ta’ l-akkwisti l-qorti ser tordna hekk:-

i. Il-mobbli kollha li hemm fid-dar matrimonjali ser jigu assenjati lill-attrici, b’dan li ghandha thallas lill-konvenut s-somma ta’ sitt elef sebgha mija u tletin euro (€6,730), minn liema ammont ghandha titnaqqas is-somma ta’ sebgha mija u tletin euro (€730) li l-qorti qeghda tiffissa bhala sehem l-attrici mill-vettura. Ammont li l-qorti qeghda tiffissa wara li kkunsidrat:-

- Dak li xehedet l-attrici fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2006 (ara fol. 2001);
- Il-fatt li l-vettura baqa’ jaghmel uzu minnha l-konvenut;
- Jekk kif qal il-konvenut biegh il-vettura ghas-somma ta’ €465, ghamel hekk minghajr ma talab il-kunsens ta’ l-attrici;

Ghalhekk f’dan ir-rigward il-hlas dovut lill-konvenut hu fl-ammont ta’ sitt elef euro (€6,000) liema hlas ghandu jsir f’zewg pagamenti, €3,000 fi zmien sitt xhur mil-lum u €3,000 fi zmien tnax-il-xahar mil-lum, u minghajr imghax diment li l-hlas isir fiz-zmien stabbilit mill-qorti. Il-qorti ma tqiesx li hi soluzzjoni prattika li dawn l-oggetti jinqasmu fizikament bejn il-partijiet, iktar u iktar meta wiehed iqies li qeghdin iservu bhala arredament tad-dar fejn tghix l-attrici flimkien ma’ wliedha u wkoll il-valur ta’ l-istess oggetti. Inoltre, wara li l-qorti kkunsidrat il-pjan ta’ divizjoni kif propost mill-perit tekniku (fol. 322-323) ma tqiesx li hemm skop li affarijiet li qeghdin iservu ghall-uzu ta’ l-attrici u wliedha jitnehhew mill-fond biex jinghataw lill-konvenut. Tqies li fic-cirkostanzi l-opinjoni li esprima l-perit tekniku waqt is-seduta tal-4 ta’ April 2008 (fol. 367) hi flokha.

ii. L-attrici ghandha wkoll thallas lill-konvenut is-somma ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro (€2,329) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum u minghajr imghax, bhala sehemu mis-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) li kienet depozitata f’kont bankarju ntestat f’isem l-attrici u li l-konvenut ma rceviex sehemu. Dan mehud in konsiderazzjoni li l-attrici ammettiet li l-konvenut ma kienx irceva sehemu minn dawn il-flus. Fir-rigward tal-kumplament tal-flus il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m’ghandix temmen lill-attrici li zewgha nghata nofs il-flus meta nghalqu l-kontijiet (Dicembru 2003 u Jannar 2004). F’kull kaz wiehed ma jistax jonqos milli josserva li m’hemmx dubju li ghallinqas zgur li minn meta din il-koppja ma baqghetx tghix taht l-istess saqaf, l-attrici kellha taghmel tajjeb ghal bzonnijiet kollha tat-tifla minuri ghaliex ma kellha l-ebda ghajnuna finanzjarja min-naha ta’ zewgha. Ghalkemm fis-seduta tat-30 ta’ April 2008 l-attrici xehedet li kienet inghatat is-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) minn ommha wara l-mewt ta’ missierha, ma tressqux provi sodisfacenti.

iii. Fir-rigward tal-fond matrimonjali, xi hadd mill-partijiet biss jista’ jibqa’ jghix fih. Peress li d-dar hi mikrija, m’huwiex possibbli li jinstab rimedju alternattiv. Il-qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha tibqa’ tabita fl-appartament bhala r-residenza ordinarja u tigi wkoll assenjata l-kirja. Il-qorti hi moralment konvinta li l-attrici m’ghandix htija ghall-firda personali, u f’dan il-kuntest m’ghandix tigi penalizzata fis-sens li tigi ordnata li tohrog biex minflok jidhol minn kien hati ghall-firda. Li kieku l-qorti kellha tiddecidi mod iehor, fis-sens li tilqa’ r-raba’ talba rikonvenzjonali tal-konvenut[15], ikun ifisser li tkun qeghda tippremja lil dik il-parti li kienet il-kagun tal-firda personali. Hu minnu li l-perit tekniku rrelata li l-valur ta’ l-appartament *“…..mhux spekulattiv, izda socjali, ta’ fond ta’ dan it-tip huwa ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000).”* (fol. 218). Pero’ l-appartament m’huwiex tal-kontendenti. Min-naha l-ohra l-perit tekniku rrelata wkoll li ghab-bazi tal-valur tal-fond u kunsidrat l-aspett socjali, il-valur tal-kirja

[15] *“Tawtorizza lill-konvenut sabiex ighix fid-dar matrimonjali u cioe’ fil-Flat 3, Block HB, tac-Cawla Housing Estate, Victoria, Gozo ad eskluzjoni tal-istess attrici.”.*

hu ta' *"erbgha u hamsin lira Maltija (Lm54) fix-xahar, jew sitt mija u tmienja u erbghin lira (Lm648) fis-sena."* (fol. 319). Mill-provi rrizulta li l-kerrej ghandu dritt li jixtri l-fond minghand l-Awtorita' tad-Djar, li jfisser li jkollu jhallas il-prezz li jigi ffissat skond il-kondizzjonijiet ta' l-iskema. Il-beneficcju li jkun qieghed jiehu l-kerrej hu li jsir sid id-dar bi prezz vantaggjuz (skond id-dhul li ghandu) u 'l quddiem ikun jista' wkoll ibiegh il-fond bi prezz kummercjali diment li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' bejgh li jigu mposti mill-Awtorita'. Inoltre ghalkemm il-kirja hi dritt personali, meta l-kirja ddur f'isem wiehed mill-konjugi hemm valur monetarju. Dan mehud in konsiderazzjoni li parti ser tkun qeghda tiggwadanja (iktar u iktar meqjus li din hi kirja protetta moghtija mill-Gvern b'rata ta' kera favorevoli hafna), filwaqt li parti ohra ser tkun qeghda titlef finanzjarjament ghaliex ser tkun qeghda titlef dritt li ghandha bil-kosegwenzi li jigu ma' tali fatt. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ser tordna li l-attrici thallas lill-konvenut fl-ewwel jum ta' kull xahar is-somma ta' sittin euro (€60) ghall-perjodu ta' ghaxar (10) snin b'effett mil-1 ta' Novembru 2008 bhala kumpens finanzjarju ghal fatt li l-kirja tal-fond qeghda tigi assenjata lill-attrici. Fost'affarijiet ohra bhala cirkostanzi l-qorti kkunsidrat il-mezzi finanzjarji tal-partijiet, l-eta' taghhom, il-fatt li l-proprjeta' hi tal-Gvern u l-kondizzjonijiet tal-kirja (fosthom il-kera baxxa u d-dritt li ghandu l-kerrej li jixtri l-proprjeta'), il-fatt li l-konvenut m'huwiex ser jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici, u dak li rrelata l-perit tekniku. Ikkunsidrat ukoll li mill-provi li tressqu l-attrici kellha kull dritt li tibqa' toqghod fil-fond matrimonjali b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili, f'liema kaz il-kirja kienet tibqa' komuni. Pero' l-qorti tqies li hu fl-interess tal-partijiet li ma jibqa' xejn komuni bejniethom, u ghalhekk qeghda taghzel li tassenja l-kirja lill-attrici bi hlas ta' kumpens lill-konvenut. Il-qorti qeghda taghmilha cara li qeghda tordna li l-hlas ma jsirx f'daqqa izda f'pagamenti mqassmin fuq firxa ta' ghaxar (10) snin, wara li qieset il-qaghda finanzjara tal-attrici u peress li hi tal-fehma li ma jkunx gust li jigu mposti iktar pizjiet finanzjarji oneruzi fuq il-parti li ma kellix htija ghall-firda.

4. Ghal dak li hu xoghol jidher li:-

(a) L-attrici kienet tahdem minn zmien ghal zmien (ara per ezempju dokumenti a fol. 117-118). Fis-seduta tat-30 ta' April 2008 *"Sa xi dsatax (19) ta' Marzu jiena kont ghadni qeghda nahdem fis-Serena Hotel bhaal casual worker. Jiena llum qeghda nghix bil-beneficcji socjali li niriceivi minghand il-gvern. Nikkonferma ukoll illi minghand zewgi m'jien qed nircievi l-ebda flus."* (fol. 375);

(b) Il-konvenut ilu mill-5 ta' Awwissu 1981 jircievi l-ghajnuna socjali (fol. 207-208)[16] ghalkemm mill-atti jidher ukoll li minn zmien ghal zmien kien jaghmel xi xoghol mhux dikjarat;

Il-qorti m'ghandix dubju li kieku trid l-attrici hi kapaci ssib impjieg bi qliegh. Mehud ukoll in konsiderazzjoni li qeghda tigi wkoll assenjata l-kirja tal-fond matrimonjali ma tqiesx li hemm lok li l-konvenut (li mill-provi ma rrizultax li ghandu xi qliegh iehor apparti l-beneficcji socjali li jircievi) ghandu jigi ordnat ihallas manteniment lil martu.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza u t-talbiet rikonvenzjonali b'dan il-mod:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara l-firda personali bejn Mary sive Miriam u Carmel konjugi Azzopardi bi htija tal-konvenut minhabba eccessi u mohqrija. F'dan il-kuntest ukoll tichad l-ewwel talba tar-rikovenzjoni li ghamel il-konvenut.
2. Peress li Maronia Azzopardi hi maggorenni, tastjeni milli tiddecidi dwar il-materja li tolqot il-kura u kustodja, manteniment u access taghha (tieni u tielet talba tac-citazzjoni u tielet talba tar-rikovenzjoni).
3. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, tichad it-talba ta' l-attrici sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallasha manteniment.
4. Tichad it-talba tal-konvenut sabiex tawtorizzah ighix fid-dar matrimonjali.

[16] Fil-perjoddu bejn 6 ta' Settembru 1983 sa 28 ta' Awwissu 1984 kien il-Libja.

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenut it-telfien tal-jeddijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kodici Civili. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili tapplika wkoll fil-konfront ta' l-attrici t-telfien tal-jeddijiet li jissemmew fl-Artikolu 48(1)(a) tal-Kodici Civili in vista ta' dak li nghad dwar Coronato Muscat.
6. Tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet spiccat b'effett mil-lum u tillikwida u tassenja l-istess b'dan il-mod:-
(a) Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar qeghdin jigu assenjati lill-attrici, filwaqt li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' tmint elef tlett mija u disgha u ghoxrin euro (€8,329) kif spjegat u fl-iskadenzi ffissati mill-qorti f'paragrafu 3(i) u (ii) ta' din is-sentenza.
(b) Il-kirja tal-fond matrimonjali qeghda tigi assenjata lill-attrici, bl-obbligu li thallas lill-konvenut fl-ewwel jum ta' kull xahar b'effett mill-1 ta' Novembru 2008 is-somma ta' sittin euro (€60) ghall-perjodu ta' ghaxar (10) snin.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------